MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** I 25 t'April, 2015

# L-MCA u l-MBA flimkien ma' numru ta' banek ewlenin jikkollaboraw fuq proġett ta' taħrig dwar l-użu tal-Internet Banking

Is-settur finanzjarju u bankarju huwa wieħed mis-setturi li għarfu jevolvu billi ħadnu l-addozzjoni tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u informatika kif ukoll l-applikazzjonijiet marbuta magħha. Dan hu eżempju ċar li din it-teknoloġija mhux biss hi sinonima mas-settur tal-komunikazzjoni nniffsu imma hija vitali għas-sostenibilità u l-iżvilupp ta' setturi oħra filwaqt li twassal benefiċċji oħrajn lill-konsumaturi. Dan wassal lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) biex toħloq inizjattiva b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Banek ta' Malta, fejn ser tkun qed toffri numru tas-sessjonijiet ta' informazzjoni għall-pubbliku in ġenerali, bl-għan li jiżdied l-użu tal-internet banking u l-benefiċċji li dan is-servizz joffri. Matul dan it-taħriġ, se jiġu indirizzati punti li normalment iqanqlu tħassib dwar is-sigurtà u r-riskji assoċjati mal-internet banking. F'din l-inizjattiva ser jipparteċipaw ħames banek ewlenin; l- APS, Banif Bank (Malta), BOV, HSBC and LOMBARD li ser ikunu qed jikkontribwixxu b'mod finanzjarju kif ukoll joffru r-riżorsi umani biex iwasslu t-taħriġ dwar l-użu tas-servizzi bankarji bl-internet li kull wieħed minnhom joffri.

Ic-Chairman tal-MCA, Dr Edward Woods, fid-diskors tiegħu għamel referenza għall-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020, li tirrikmanda numru ta' inizjattivi li jiffaċilitaw l-użu attiv ta' metodi ta' ħlas elettroniku mill-pubbliku. Dr Woods enfasizza li din ''kienet inizjattiva oħra li tirrifletti l-impenn tal-Awtorità biex taċċerta li kulħadd jakkwista' l-ħiliet meħtieġa u jkun kapaċi jipparteċipa b'mod sħiħ fl-ekonomija diġitali li dejjem qegħdha tikber''.

L-Onorevoli Jose' Herrera qal li ''r-reżistenza għall-użu tat-teknoloġija bosta drabi hija riżultat ta' nuqqas ta' għarfien oġġettiv jew perċezzjonijiet żbaljati. Għaldaqstant, it-tnedija kontinwa ta' dawn it-tip ta' inizjattivi hija ferm importanti biex is-soċjetà Maltija tkun minn ta' quddiem fl-avvanzi tal-qasam teknoloġiku ''. L-Onerevoli Herrera żied ifaħħar is-sens ta' kollaborazzjoni li ntwera fost dawk li kienu nvoluti sabiex din l-inizjattiva setgħet tkun possibbli.

Is-sur James Bonello, Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Banek ta' Malta semma numru ta' vantaġġi marbuta mal-Internet Banking, bħalma huma pagamenti tas-servizzi u kontijiet oħra, trasferiment ta' finanzi bejn il-kontijiet bankarji, kontrol tal-bilanċi kontanti u fuq kollox sistema li hi disponibbli 24 siegħa kuljum. Is-Sur Bonello stqarr ukoll li s-sigurtà' tibqa' l-fattur ewlieni għal uħud li jużaw l-internet banking u tenna li din se tkun materja li se tiġi ndirizzata f'dawn il-laqgħat ta' informazzjoni.

Dawn is-sessjonijiet ta' informazzjoni huma offruti bla ħlas u se jieħdu l-forma ta' laqgħat fejn f'kull laqgħa ta' sagħtejn ikun kopert il-materjal kollu mfassal u jingħata ħin għall-mistoqsijiet mill-parteċipanti preżenti. Barra minn hekk, il-parteċipanti se jkollhom l-opportunità jużaw b'mod prattiku s-sit tal-bank jew banek tal-għażla tagħhom. Se jkunu qed jiġu organizzati numru tas-sessjonijiet għal kull bank li qed jipparteċipa f'din l-inizjattiva filwaqt li l-parteċipanti jistgħu jagħżlu li jattendu għas-sessjoni ta' filgħodu jew ta' filgħaxija. Għalhekk, huwa

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

importanti li l-parteċipanti jindikaw b'mod ċar is-sessjoni ta' liema bank jixtiequ jattendu. Dawn il-laqgħat ser ikunu qed jiġu mwassla minn uffiċjali tal-ħames banek parteċipanti kif ukoll tal-Awtorità u ser jiġu offruti f'numru ta' ċentri madwar Malta u Għawdex. Huwa meħtieġ li kull applikant ikollu għarfien bażiku fl-użu tal-kompjuter.

L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-fergħat kollha tal-banek parteċipanti kif ukoll mill-kunsilli lokali u se jkunu disponibbli mit-Tnejn 27 t'April, 2014. L-applikazzjonijiet ser ikunu qed jiġu milqugħa mill-Kunsilli Lokali kif ukoll jistgħu jiġu mibgħuta bil-posta f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Valletta Waterfront, Ix-Xatt ta' Pinto,

Il-Furjana FRN1913

Min hu interresat japplika bit-telefon jista' jċempel fuq 21336848 jew jibgħat email fuq info@mca.org.mt

Aktar informazzjoni u dettalji loġistiċi ser ikunu disponibbli fuq is-sit elettroniku www.mca.org.mt kif ukoll fuq il-paġna tal-facebook https://www.facebook.com/pages/Malta-Communications-Authority/158754364205174?ref=hl (fil-ġimgħat li ġejjin. Barra minn hekk, kull applikant ser jiġi ikkuntatjat minn uffiċjali ta' l-Awtorità aktar il-quddiem.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840